MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1942/2004

**Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittjiet tal-assikurat taghha Carmelo Bonello ghan-nom u in rapprezentanza ta' Wembley Motors Limited abbazi ta' polza ta' assikurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-ligi u l-istess Carmelo Bonello ghan-nom u in rapprezentanza ta' Wembley Motors Limited**

**vs**

**David Gaffarena**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Ottubru 2004 fejn gie milub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u wiehed u sittin lira Maltin u hdax il-centenzmu (Lm361.11) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-atturi bhala rizultat tal-ncident awtomobilistiku li sehh fis-16 ta' Lulju 2002 gewwa Triq il-Bajja, San Giljan bejn il-vettura propjeta' tal-attur Carmelo Bonello nomine bin-numru tar-registrazzjoni CAK 653,

misjuqa minn Cameron Bennett, u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-registrazzjoni BAH 105, liema ncident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba mperizja, negligenza, traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Ottubru 2003 u ta' dik mibghuta lis-socjeta' assikuratrici tal-konvenut kontestwalment mal-Avviz, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Ottubru 2003 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

It-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-atturi, stante li l-incident de quo sehh minghajr ebda htija da parti tal-konvenut izda sehh unikament b'negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas ta' tharis tar-regolametnti tat-traffiku da parti ta' Cameron Bennett li kien qed isuq il-vettura tal-attur Carmelo Bonello nomine fil-hin tal-incident, kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' PS113 Emanuel Aquilina u tal-konvuet. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenit esebiti mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident stradali li sehh fis-16 ta' Lulju 2002 fil-bajja ta' San Giljan bejn il-vettrua bin-nurmu tar-registrazzjoni  Cak 653 misjuqa minn Cameron Bennett, propjeta' tal-attur Carmelo Bonello nomine u asikurata taht polza tat-tip *comprehensive* ma-ssocjeta' attrici u l-vettura bin-nurmu tar-registrazzjoni BAH 105 miajuqa mill-konvenut.

Cameron Bennett kien qed isuq il-vettura tieghu fil-bajja ta' San Giljan gej mid-direzzjoni tad-Dragonara u sejjer lejn il-Corinthia San Gorg filwaqt li l-konvenut kien qed

isuq fid-direzzjoni opposta. L-incident sehh fl-kisra li hemm quddiem il-Villa Rosa.

Mill-provi prodotti mill-partijiet jirrizulta ampjament li l-incident de quo sehh unikament tort tal-konvenut. Mill-iskizz jidher li Benentt kien ghadu fil-parti d-dritta tat-triq, kien qed isuq fuq sajdu u razenti mal-vettura parkeggjata li kellu man-naha tax-xellug tieghu. Mix-xhieda tal-konvenut stess jirrizulta li huwa ma waqafx meta qabad il-kisra ghaliex pretenda li Bennett messu rah u waqaf. Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut kien traskurat fis-sewqan tieghu ghaliex dar il-kisra maqlugh il-barra min-naha tal-lemin tieghu, kif jidher mill-iskizz, u minghajr ma osserva xi traffiku seta' kien gej mid-direzzjoni opposta, kif kellu l-obbligu li jaghmel. Inoltre l-hsara fil-vettura tal-attur nomine tkompli tinidka li l-incident sehh ghaliex il-konvenut qabad u dar il-kisra b'mod ghal kollox traskurat u non-kuranti tat-traffiku li kien gej mid-direzzjoni opposta.

Il-quantum tad-danni reklamati mill-atturi ma giex kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-atturi producew l-ircevuti kollha in sostenn tat-talba taghhom.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u wiehed u sittin lira Maltin u hdax il-centezmu (Lm361.11), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejejs taa' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Ottubru 2003 u ta' dik mibghuta lis-socjeta' assikuratrici tal-konvenut kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------